MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 579/2004

**Benito Tufigno ezercenti l-kummerc bl-isem**
**Tufigno Photo Service**

**Vs**

**Karl u Kirsty konjugi Stagno Navarra**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' Lm630.74c (sitt mija u tletin lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu) rapprezentanti servizzi rezi lill-konvenuti u ghar-ritratti lilhom ikkonsenjati fl-okkazjoni tat-tieg taghhom.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Dr Lisa Lombardi li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' Lm630.74c (sitt mija u tletin lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------